



EMA/320757/2024  
EMEA/H/C/006299

## Enzalutamide Viatris (enzalutamide)

Ħarsa ġenerali lejn Enzalutamide Viatris u għalfejn huwa awtorizzat fl-UE

### X'inhu Enzalutamide Viatris u għal xiex jintuża?

Enzalutamide Viatris huwa mediciċina kontra l-kanċer li tintuża għat-trattament ta' rġiel bil-kanċer tal-prostata. Jista' jintuża:

- flimkien ma' terapija bl-ormoni (trattament biex inaqqas il-produzzjoni tat-testosteron) meta l-kanċer ikun metastatiku (ikun infirex lejn partijiet oħra tal-ġisem) u jkun sensittiv għall-ormoni (jiddependi minn ormon, bħax-testosteron, biex jikber);
- għal kanċer metastatiku li huwa reżistenti għall-kastrazzjoni (jaggrava minkejja t-trattament għal produzzjoni aktar baxxa ta' testosteron jew wara t-tnejħiha kirurġika tat-testikoli) meta jew:
  - it-trattament b'docetaxel (mediciċina oħra kontra l-kanċer) ma jkunx ħadmet jew ma jkunx għadu jaħdem; jew
  - meta t-terapija bl-ormoni ma tkunx ħadmet, u l-pazjent jew ma jkollu ebda sintomu jew ikollu sintomi ħief u jkun għadu ma jeħtieġ kimoterapija (tip ieħor ta' trattament kontra l-kanċer).
- għall-kanċer tal-prostata reżistenti għall-kastrazzjoni li mhuwiex metastatiku iż-żda li huwa f'riskju għoli li jsir hekk;
- waħdu jew flimkien ma' terapija bl-ormoni, għall-kanċer tal-prostata sensittiv għall-ormoni li mhuwiex metastatiku, jekk ikun hemm livelli ta' antiġen speċifiku tal-prostata (PSA; proteina magħmlu mill-glandola tal-prostata) li qed jiżiedu b'mod rapidu li jindikaw li l-kanċer seta' reġa' feġġ, f'irġiel li ma jistgħux jingħataw radjoterapija ta' salvataġġ (trattament bir-radjazzjoni mogħti wara li l-kanċer ma jkunx irrisponda għal trattamenti oħra).

Enzalutamide Viatris fih is-sustanza attiva enzalutamide u huwa "mediciċina ġenerika". Dan ifisser li Enzalutamide Viatris fih l-istess sustanza attiva u jaħdem bl-istess mod bħal "mediciċina ta' referenza" digħi awtorizzata fl-UE. Il-mediciċina ta' referenza għal Enzalutamide Viatris hija Xtandi. Għal aktar informazzjoni dwar il-mediciċini ġeneriċi, ara d-dokument mistoqsijiet-u-tweġibet [hawnhekk](#).



## **Kif jintuża Enzalutamide Viatris?**

Enzalutamide Viatris jista' jinkiseb biss b'riċetta ta' tabib u t-trattament għandu jinbeda u jiġi ssorveljat minn tabib li jkollu esperjenza fit-trattament tal-kanċer tal-prostata.

Enzalutamide Viatris jiġi bħala pilloli, li jittieħdu darba kuljum bejn wieħed u ieħor fl-istess ħin kuljum. It-tabib jista' jnaqqas id-doża jew iwaqqaf it-trattament jekk il-pazjent jesperjenza ċerti effetti sekondarji.

Għal iktar informazzjoni dwar l-użu ta' Enzalutamide Viatris, ara l-fuljett ta' tagħrif jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## **Kif jaħdem Enzalutamide Viatris?**

Is-sustanza attiva f'Enzalutamide Viatris, l-enzalutamide, taħdem billi timblokkka l-azzjoni tal-ormon testosteron u ormoni oħra magħrufa bħala androġeni. Enzalutamide tagħmel dan billi timblokkka r-riċetturi (miri) li magħhom jeħlu dawn l-ormoni. Minħabba li l-kanċer tal-prostata jeħtieġ it-testosteron u androġeni oħra biex jgħix u jikber, billi timblokkka l-effetti ta' dawn l-ormoni, l-enzalutamide tnaqqas ir-ritmu li bih jikber il-kanċer tal-prostata.

## **Kif ġie studjat Enzalutamide Viatris?**

Studji dwar il-benefiċċi u r-riskji tas-sustanza attiva fl-użu awtorizzat diġà twettqu bil-mediċina ta' referenza, Xtandi, u ma għandhomx għalfejn jiġi ripetuti għal Enzalutamide Viatris.

Bħal fil-każ ta' kull mediċina, il-kumpanija pprovdiet studji dwar il-kwalità ta' Enzalutamide Viatris. Il-kumpanija wettqet ukoll studji li wrew li huwa "bijoekwivalenti" għall-mediċina ta' referenza. Żewġ mediċini jkunu bijoekwivalenti meta jipproduċu l-istess livelli tas-sustanza attiva fil-ġisem u għalhekk huma mistennija li jkollhom l-istess effett.

## **X'inhuma l-benefiċċi u r-riskji ta' Enzalutamide Viatris?**

Minħabba li Enzalutamide Viatris huwa mediċina ġenerika u huwa bijoekwivalenti għall-mediċina ta' referenza, il-benefiċċi u r-riskji tiegħu jitqiesu l-istess bħal dawk tal-mediċina ta' referenza.

## **Għaliex Enzalutamide Viatris ġie awtorizzat fl-UE?**

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini kkonkludiet li, b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-UE, Enzalutamide Viatris intwera li għandu kwalità komparabbli u huwa bijoekwivalenti għal Xtandi. Għaldaqstant, l-opinjoni tal-Aġenzija kienet li, bħal fil-każ ta' Xtandi, il-benefiċċi ta' Enzalutamide Viatris huma ikbar mir-riskji identifikati u jista' jiġi awtorizzat għall-użu fl-UE.

## **X'miżuri qeqħdin jittieħdu biex jiġi żgurat l-użu sigur u effettiv ta' Enzalutamide Viatris?**

Fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u fil-fuljett ta' tagħrif ġew inklużi r-rakkmandazzjonijiet u l-prekawżjonijiet li għandhom ikunu segwiti mill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u mill-pazjenti għall-użu sigur u effettiv ta' Enzalutamide Viatris. Kwalunkwe miżura addizzjonal fis-seħħi għal Xtandi tapplika wkoll għal Enzalutamide Viatris fejn xieraq.

Bħal fil-każ tal-mediċini kollha, id-data dwar l-użu ta' Enzalutamide Viatris hija ssorveljata kontinwament. L-effetti sekondarji ssuspettati rrappurtati b'Enzalutamide Viatris huma evalwati bir-reqqa u kull azzjoni meħtieġa hi meħuda biex il-pazjenti jiġi protetti.

## **Informazzjoni oħra dwar Enzalutamide Viatris**

Aktar informazzjoni dwar Enzalutamide Viatris tinstab fis-sit web tal-Aġenzija:  
[ema.europa.eu/medicines/human/EPAR/enzalutamide-viatris](http://ema.europa.eu/medicines/human/EPAR/enzalutamide-viatris). Informazzjoni dwar il-mediċina ta' referenza tinstab ukoll fis-sit web tal-Aġenzija.